# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' Frar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**
**Vs**
**Adrian Zammit**

**Drogi Numru 51/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Adrian Zammit, ta' 24 sena, iben Joseph u Angelica nee' Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' April 1995, residenti gewwa 68, Triq il-Lunzjata, il-Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita numru 191395M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-26 ta' Frar 2017 u fid-disa' xhur ta' qabel din id-data:-

1. Biegh jew xort' ohra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’Malta.

U aktar talli bejn is-sena 2015 u s-sena 2016 gewwa dawn il-gzejjer:-

6. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli nhar il-25 ta’ Frar 2017 u t-tlett snin ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:-

7. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

9. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli:

10. Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta’ probation, moghtija mill-Qorti ta’ Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LLd nhar it-2 ta’ Dicembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

11. Ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLd nhar id-19 ta’ Lulju 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

12. Talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula

U aktar talli nhar l-1 ta’ Dicembru 2016:-

13. Naqas li jirraporta gewwa d-Depot tal-Furjana wara li naghta l-helsien mill-kustodja taht garanzija hekk kif provdut fl-Artikolu 355AL tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta[1] u Ordni iehor ta'l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta[2], permezz ta' liema ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal fatti li graw fuq medda ta' snin.

## Il-Provi Prodotti

Illi l-ufficjal prosekutur, l-**Ispettur Jonathan Cassar**[3], spjega li f'l-14 ta' Ottubru 2016 pulizija mill-iskwadra ta' kontra d-droga ghamlet xi spezzjonijiet l-MCAST il-Mosta. Dak in-nhar gie arrestat l-imputat wara li fil-pussess tieghu nstabu sachets vojta u nofs gramma ta' sustanza suspettata cannabis. L-imputat rrilaxxja stqarrija fil-kors ta' liema allega li dik id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu u allega ukoll li huwa kien xtraha mit-Tiger Bar minghand persuna ta' karnaggjon skura. L-imputat gie rilaxxjat mill-arrest fuq police bail b'kundizzjoni li jerga jirrapporta ghand il-pulizija f'l-1 ta' Dicembru 2016; dak in-nhar l-imputat naqas li hekk jirraporta.

Illi l-Ispettur Cassar kompla jispjega li fis-26 ta' Frar 2017 fil-lokal maghruf b'isem Ivory f'Ghawdex kien hemm party. Dak in-nhar l-imputat rega gie arrestat wara li fil-pussess tieghu, waqt li kien fil-parkegg ta' dan il-lokal, instabu 25 pillola blu suspettata ecstasy, madwar 8 grammi sustanza suspettata cannabis grass maqsuma f'sitt pakketti, madwar nofs gramma kokajina, u sebgha mija u erbghin Euro (€740) fi flus kontanti. L-imputat u ammetta li l-pilloli li kellu fil-pussess tieghu kien bi hsiebu jbieghhom u li kien ilu jbiegh cannabis u li kien ibiegh madwar hames pakketti fil-gimgha. L-Ispettur Cassar kompla jispjega li l-imputat kien qallu li kien

[1] A fol 3.
[2] A fol 2.
[3] Depozizzjoni a fol 15 et seq.

ser jghinu f'l-investigazzjoni ghalhekk rega' tah il-police bail; l-ghajnuna pero ma nghatax.

Illi l-Ispettur Cassar prezenta z-zewg staqarrijiet rilaxxjati mill-imputat[4]; id-dokument (iffirmat mill-imputat) li jelenka l-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-police bail[5]; zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat[6]; l-oggetti (sachets vojta u crusher) u sustanza li nstabu fil-pussess ta'l-imputat nhar l-14 ta' Ottubru 2016[7]; il-pilloli, sustanzi u flus li nstabu fil-pussess ta'l-imputat nhar is-26 ta' Frar 2017[8]; u zewg mobile phones wiehed ta' tip Android One u l-iehor ta' tip Nokia[9].

Illi **PC 1494 Andre Grech**[10] jghid li f'l-14 ta' Ottubru 2016 hu u kollegi ohra tieghu kienu qed jaghmlu spezzjonijiet f'l-MCAST il-Mosta. F'xi hin kienu hdejn it-toilets u raw lill-imputat jaghmel movimenti suspettuzi ghalhekk avvicinawh u ghamlu tfixxija; fuq il-persuna tieghu instabet sachet b'sustanza hadranija suspettata cannabis. L-imputat gie arrestat u ttiehed id-depot.

PC 1494 ikompli jghid li fis-26 ta' Frar 2017 kien qieghed xoghol Ghawdex; kien zmien il-karnival u flimkien ma kollegi ohra kien qieghed fil-parkegg ta'l-Ivory Suite. Hemm innota lill-imputat, li kien ukoll fil-parkegg u ra li lill-imputat kienu qed javvicinawh diversi persuni. Ghalhekk hu, flmkien ma' PC1183, avvicina lill-imputat u ghamlu tfixxija. Fil-kors ta' din it-tfixxija sabu trab abjad suspettat kokajina, sustanza hadranija suspettata cannabis, u pilloli suspettati ecstasy, kif ukoll sebgha mija u erbghin Euro (€740).

Illi **PC1183 Oliver Borg**[11] jghid li fis-26 ta' Frar tas-sena 2017 kien xoghol Ghawdex u kien qieghed ma kollegi ohra jaghmlu spezzjonijiet fil-parkegg ta'l-Ivory. F'xi hin ra tlett zaghzagh fid-dlam li qanqlu suspett ghalhekk mar fuqhom bit-torch u, wara li identifika ruhu bhala pulizija, ghamel tfixxija fuq l-imputat. F'but tal-gakketta sab hafna boroz u pakketti, sustanza suspettata cannabis u ecstasy. L-imputat ittiehed l-ghassa tar-Rabat fejn kien hemm l-Ispettur Cassar; l-oggetti li nstabu fil-pussess ta' l-imputat inghataw lill-Ispettur Cassar. Waqt tfixxija aktar metodika kondotta f'l-ghassa instabet ukoll borza bi trab abjad. Mal-mument ta' l-arrest l-imputat ammetta li s-sustanza suspettata cannabis kienet tieghu.

Illi **PC365 Malcolm Grixti**[12] ukoll kien qieghed xoghol Ghawdex nhar il-25 ta' Frar 2017. Huwa ikkonferma li meta kien sar is-saghtejn nieqes ghaxra ta' fil-

[4] Dok JC2 a fol 21 u Dok JC4 a fol 23.
[5] Dok JC5 a fol 24.
[6] Dok JC6 a fol 25 u Dok JC 7 a fol 27.
[7] Dok JC8.
[8] Dok JC9, Dok JC10, Dok JC11, u Dok JC12 rispettivament.
[9] Dok JC13.
[10] Depozizzjoni a fol 59 et seq.
[11] Depozizzjoni a fol 28 et seq.
[12] Depozizzjoni a fol 81et seq.

ghodu l-imputat gie innutat fil-parkegg ta'l-Ivory Suite u meta saret tfixxija fuqu instabu pilloli, sustanza suspettata cannabis, sustanza suspettata kokajina u flus kontanti.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati zewg esperti: Keith Cutajar u Gilbert Mercieca.

Illi **Keith Cutajar** gie nominat biex janalizza l-mobile phones esebiti (Nokia u Android One) u jaghmel estrazzjoni ta' kull informazzjoni li tista' tkun relevanti ghal kaz in ezami. Mid-depozizzjoni[13] u r-rapport tieghu[14] jirrizulta li kien impossibbli li tigi estratta l-informazzjoni mill-Android One pero saret l-estrazzjoni minn-Nokia. Minn din l-estrazzjoni ma tirrizulta l-ebda informazzjoni utli ghal dan il-kaz.

Illi **Gilbert Mercieca** gie nominat biex janalizza s-sustanzi u pilloli li nstabu fil-pussess ta'l-imputat. Mid-depozizzjoni[15] u r-rapport tieghu[16]jirrizulta li:

- F'l-evidence bag Dok JC8 kien hemm scahet tal-plastik b'materjal hadrani, crusher, zewg sigaretti imqattajn, pakkett sachets tal-plastik vojta, zewg pakketti libretti. Gie konfermat li l-materjal ta' lewn hadrani, li kellu piz ta' 0.4360 gramma, fil-fatt kien partijiet mill-pjanta tal-cannabis li kellu percentagg medju ta' cannabinoid ta' 5.27%. Fil-crusher kien hemm residwu ta' lewn hadrani li gie identifikat bhala residwu mill-partijiet tal-pjanta tal-cannabis.

- F'l-evidence bag Dok JC9 kien hemm 24 pillola kulur blu. Mill-analizi gie stabbilit li f'kull wahda minn dawn il-pilloli kien fiha 152.6mg ta' MDMA (3,4 Methylenedioxymethamphetamine) b'purita ta' 56.90%.

- F'l-evidence bag Dok JC10 kien hemm borza tal-plastik bi trab abjad. Mill-analizi gie stabbilit li dan it-trab kien kokjina, kaffeina u acetaminophen, b'piz totali ta' 0.3491 grammi.

- F'l-evidence bag Dok JC11 kien hemm 6 boroz tal-plastik b'materjal hadrani. Mill-analizi gie stabbilit li dan il-materjal li kellu piz totali 5.4082 grammi, kien partijiet mill-pjanta tal-cannabis li kellu percentagg medju ta' cannabinoid ta' 11.38%.

Illi **l-imputat** ma xehedx pero rrilaxxja zewg stqarrijiet; wahda kull darba li gie arrestat.

---

[13] A fol 37 et seq.
[14] Dok KC1 a fol 40 et seq.
[15] A fol 62 et seq.
[16] Dok GM1 a fol 65 et seq.

Illi f'l-ewwel stqarrija[17], rilaxxjata f'l-14 ta' Ottubru 2016, l-imputat jghid li f'xi hin dak in-nhar, bejn lezzjoni u ohra mar it-toilet biex ipjjep il-cannabis. Meta hareg saret tfixxija fuqu u nstabet s-sustanza li eventwalment giet esebita in atti bhala Dok JC 8. Mistoqsi dwar is-sachets vojta li nstabu fil-baskett tieghu, l-imputat jghid li huwa jixtri l-cannabis minghand persuna li tkun ghand it-Tiger Bar il-Marsa; peress li jaghthielu go bicca karta huwa jzomm il-boroz biex dak li jixtri jqeghdu go fihom. Jghid li kien ilu jpejjep kemm grass u raza xi tlett snin pero ma jiehux xi tip ta' drogi ohra. L-imputat ikkonferma li l-mobile phone ta' tip Samsung S6 Edge b'IMEI 352321065017224 huwa tieghu.

Illi fit-tieni stqarrija[18], rilaxxjata fis-26 ta' Frar 2017, l-imputat jghid li hekk kif hareg mill-karozza biex imur party f'Ivory Suite marru l-pulizija fuqu, ghamlu tfixxija u sabu d-droga. Huwa ammetta li l-pilloli li nstabu kienu ecstasy, u li s-sustanzi l-ohra kienu cannabis u kokajina u kollha kienu tieghu. L-imputat jghid ukoll li dawk id-drogi kien jiehu minnhom hu, pero jekk isib l-bejgh tal-cannabis u l-pilloli kien ibiegh ukoll; jghid li l-kokajina kienet ghalih. Specifika li kien ilu jbiegh cannabis min-nofs l-ahhar sajf (ghalhekk minn nofs is-sajf tas-sena 2016); kien ibiegh hames pakketti ta' ghaxar Euro fil-gimgha. Jghid ukoll li ecstasy qatt ma kien biegh qabel. Mistoqsi dwar il-flus li nstabu fuqu (€740) jghid li dawk huma tieghu u tela' bihom Ghawdex; zied li kien ghadu ma biegh xejn dak in-nhar ghax kien ghadu kemm jasal. Dwar kemm kien ilu jabbuza mid-droga jghid li cannabis kien ilu jiehu kwazi kuljum minn meta kellu sittax il-sena u li kokajna u ecstasy beda jiehu meta kellu tmintax il-sena imma jiehu okkazzjonalment. Dak in-nhar kien bi hsiebu jiehu zewg ecstasy matul il-lejl. Jghid ukoll li ghamel perjodu ta' sitt xhur meta kien jiehu anke eroina pero kien waqaf sena qabel. Zied ukoll li hu "*li ghamel mhux ghax traffikant imma biex ikampa*". Waqt l-istqarrija saret referenza ghal mobile phone ta'l-imputat identifikat b'l-IMEI 359191050225121 u ghal messagg partikolari li kien hemm fuq dak il-mobile: "*ten each int u jien*"; l-imputat jghid li dak il-messagg kien jirreferi ghat-tickets tal-party.

Illi l-imputat ressaq xhieda hu ukoll:

**Shaun Catania**[19], in rapprezentanza ta'l-Agenzija Caritas, jghid li l-imputat beda jattendi l-Caritas f' Jannar 2019, ghall-bidu kien regolari f'l-attendenza pero f'Marzu waqaf jattendi biex mbaghad rega' beda jattendi f'Lulju. Minn hemm attenda ghal xi appuntamenti pero falla hafna ohrajn. Dwar urine testing li kien isir x-xhud jghid li l-ewwel test (f'Frar 2019) kien pozittiv ghall-THC, cocaine u opiates, f'Gunju 2019 ma halliex samples u minn Lulju rega beda jhalli xi samples; hlif ghat-test ta' Frar it-testijiet l-ohra kollha kienu negattivi ghal sustanzi illeciti.

[17] Dok JC2 a fol 21.
[18] Dok JC4 a fol 23.
[19] Depozizjzoni a fol 91 et seq.

**Elaine Ellul**[20] in rapprezentanza ta'l-Agenzija Appogg tghid li f'l-Lulju tas-sena 2015 l-imputat kien ghamel kuntatt ma'l-Appogg minhabba li kien qed jibza li ser jispicca minghajr dar fejn jghix, kif fil-fatt gara, ghahekk gie provdut b'residenza alternattiva f' Dar Osanna Pia f'Dicembru 2015; l-imputat pero telaq minn hemm f'Gunju 2016 u qata l-kuntatt ma'l-Appogg. Rega' ghamel kuntatt maghhom f'Jannar 2019 minhabba problema tad-droga u gie indirizzat lejn servizzi specjalizzati bhal Sedqa.

**John Vella**[21] in rapprezentanza ta' l-MCAST ta informazzjoni fuq il-course li attenda l-imputat u prezenta dokumentazzjoni fir-rigward[22].

**L-imputazzjonijiet**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebitat b'diversi imputazzjonijiet:

- Traffikar ta' cannabis fis-26 ta' Frar 2017 u d-disgha xhur ta' qabel: l-ewwel imputazzjoni;
- Pussess aggravat ta' cannabis, ecstasy u kokajina fis-26 ta' Frar 2017 u d-disgha xhur ta' qabel: it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet;
- Pussess ta' erojina fis-snin 2015 u 2016: is-sitt imputazzjoni;
- Pussess ta' cannabis, ecstasy u kokajina fil-25 ta' Frar 2017 u t-tlett snin ta' qabel: l-imputazzjonijiet numru sebgha, tmienja u disgha.

Illi ngiebu akkuzi ohra fil-konfront ta'l-imputat, u cioe:

- l-aggravja tad-distanza fir-rigward ta'l-ewwel erbgha imputazzjonijiet: il-hames imputazzjoni;
- it-twettieq ta' reat fil-perjodu ta' probation: l-ghaxar imputazzjoni;
- it-twettieq ta' reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza: it-tnax il-imputazzjoni;
- recidiva: it-tlettax il-imputazzjoni.

Illi mill-provi kif fuq riassunti jirrizulta ampjament li darbtejn l-imputat twaqqaf mill-pulizija u nstabu diversi sustanzi fil-pussess tieghu. F'14 ta' Ottubru 2016 l-imputat twaqqaf hiereg mit-toilets ta' l-MCAST u fil-pussess tieghu nstabu crusher, li fih kien hemm residwu tal-pjanta tal-cannabis u 0.4360 gramma cannabis; huwa kellu ukoll diversi sachets zghir tal-plastik vojta. Fis-26 ta' Frar 2017 mbaghad l-imputat twaqqaf meta kien qieghed hdejn l-Ivory Suite f'Ghawdex. Dak in-nhar huwa kellu 24 pillola ecstasy (MDMA cioe 3,4 Methylenedioxymethamphetamine), 0.3491 gramma kokajina, u 5.4082 gramma cannabis u €740 fi flus kontanti. Dak in-nhar kien hemm party tal-karnival f'l-Ivory

[20] Depozizzjoni a fol 95 et seq.
[21] Depozizzjoni a fol 98 et seq u fol 123 et seq.
[22] Dok JV1 a fol 102 u Dok JV2 a fol 125

Suite u mill-provi jirrizulta li l-imputat twaqqaf fil-parkegg ta' dan il-lokal, f'parti mudlama; hdejh kien hemm zewg zaghzagh ohra.

Illi kif ntqal aktar 'l fuq, minbarra x-xhieda ta'l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fiz-zewg istanzi, u minbarra r-rapporti ta'l-epserti nominati, in atti hemm esebiti z-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Illi konformament ma' dak li kienet tipprovdi il-Ligi fiz-zminijiet relattivi, l-ewwel stqarrija giet rilaxxjata wara li l-imputat inghatat d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat pero mhux id-dritt li jkun assistiet waqt ir-rilaxx ta' dik l-istqarrija; it-tieni stqarrija giet rilaxxjata wara li l-imputat inghatat d-dritt li jikkonsulta qabel ir-rilaxx ta'l-istqarrija u anke li jkun assistiet waqt ir-rilaxx taghha. Ghalhekk ma jezisti l-ebda dubbju li t-tieni stqarrija hija prova ammissibbli u dak li jghid l-imputat fiha jista jigi uzat bhala prova anke kontra tieghu.

Illi f'din it-tieni stqarrija l-imputat mhux biss jammetti li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu fis-26 ta' Frar 2017 kienet tieghu u kien xtraha hu imma jammetti ukoll li huwa kien "*ser jiehu minnha u jekk isib il-bejgh ibiegh*". Aktar minn hekk jghid li cannabis kien ilu ibiegh min-nofs is-sajf ta' qabel (cioe is-sajf 2016) u li kien ibiegh xi hames pakketti ta' ghaxar Euro fil-gimgha. Jghid ukoll li hu kien ilu jiehu cannabis minn meta kellu sittax il-sena u jiehu kuljum; ecstasy u kokajina beda jiehu meta kellu tmintax il-sena, kokajina jiehu okkazzjonalment u ecstasy kien ilu ma jiehu xi xahar u nofs; erojina kien ilu ma jiehu sena, u qabel kien ghamel xi sitt xhur jiehu.

Ikkunsidrat

Illi la darba l-imputat jammetti li huwa kien ilu jbiegh il-cannabis mis-sajf tas-sena 2016, u anke jispecifika kemm kien ibiegh fil-gimgha, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li fis-26 ta' Frar 2017 l-imputat kellu fil-pussess tieghu kemm ecstasy kif ukoll cannabis. Jirrizulta ukoll, mhux biss mic-cirkostanzi u l-kwantita ta' droga li nstabet u (fil-kaz tal-cannabis) minn kif kienet ippakkjata[23], imma anke mill-ammissjoni ta'l-imputat li l-ecstasy u l-cannabis ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa fil-fatt jammetti li kien ser jiehu tnejn biss mill-erbgha u ghoxrin pillola ecstasy li kellu u li jekk isisb il-beigh sia ta'l-ecstasy u sia tal-cannabis kien ser ibiegh. Konsegwentment it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati ukoll.

[23] Fis-26 ta' Frar 2017 kellu sitt pakketti b'piz li jvarja bejn 0.8141 u 0.9513 grammi.

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bil-pussess aggravat ta' kokajina.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokajina meta gie arrestat fis-27 ta' Frar 2017. Dan mhux kontestat, pero l-imputat jallega li dik il-kokajina kienet ghalih.

Illi fil-mument ta'l-arrest l-imputat kellu fil-pussess tieghu 0.3491 gramma kokajina. Dan mhux ammont konsiderevoli pero minn f'dak l-ammont hemm kwazi tlett dozi[24]. Aktar minn hekk l-imputat ma kellux biss il-kokajina fil-pussess tieghu imma anke cannabis u ecstasy. Tenut kont ta' dan u tenut kont tac-cirkostanzi kollha li fihom l-imputat instab fil-pussess tal-kokajina u tenut kont ukoll li l-imputat kellu fil-pussess tieghu sebgha mija u erbghin Euro l-Qorti hija konvinta li, bhall-cannabis u l-ecstasy, l-kokajina ma kienitx ghall-uzua esklussiv ta'l-imputat.

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li r-reati ravvizati f'l-ewwel erbgha imputazzjonijet gew kommessi fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normlament jiltaqghu z-zaghzagh.

Illi waqt l-udjenza mizmuma fil-11 ta' Dicembru 2018[25] l-imputat iddikjara li mhux qed jikkontesta l-fatt li l-fatti li taw lok ghar-reati odjerni sehhew fid-distanza ta' mitt metru fuq imsemmija.

Illi konsegwentement din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi abbedietat bil-pussess ta' erojina bejn s-sena 2015 u 2016. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata l-imputat jammetti li kien hemm perjodu ta' sitt xhur, qabel Frar 2016, meta kien jiehu l-erojina. Konsegwentement din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet numru sebgha, tmienja u disgha l-imputat qed jigi addebietat bil-pussess, fil-25 ta' Frar 2017 u fit-tlett snin ta' qabel, ta' cannabis, ecstasy u kokajina.

[24] Dan qed jinghad ghaliex skond il-European Drug Report doza tipika ta' kokajina hija bejn 0.100 u 0.200 grammi

[25] Ref verbal a fol 35.

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jinghad li l-imputat gie arrestat mill-pulizija darbtejn: darba f'l-14 ta' Ottubru 2016, meta instab fil-pusess ta' cannabis, u fis-26 ta' Frar 2017 ghall-habta tas-saghtejn nieqes kwart ta' fil-ghodu. Ghalkemm huwa gie arrestat kmieni hafna fis-26 ta' Frar ma jirrizultax mill-provi l l-imputat kien ilu jigi segwiet jew osservat ghal xi hin twil, anzi jirrizulta li malli intlemah fil-parkegg, il-pulizija avvicinawh. Konsegwentement ma jistax jinghad b'certezza li dik is-sustanza li nstabet fuqu kienet ilha ghandu mill-gurnata ta' qabel. Konsegwentement, u la darba l-imputazzjonijiet issa in ezami qed jirreferi ghal fatti li graw fil-25 ta' Frar 2017 u fi tlett snin ta' qabel, dak li gara fis-26 ta' Frar 2016 ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni. Minn dan isegwi li minn dak li raw il-pulizija jirrizulta biss li l-pussess tal-cannabis f'l-14 ta' Ottubru 2016.

Illi minkejja dan l-imputat jammetti li huwa kien ilu jiehu cannabis minn meta kellu sittax il-sena u kien ilu jiehu ecstasy u kokajina minn meta kellu sittax il-sena. Mic-certifikat tat-twelied ta'l-imputat jirrizulta li huwa twieled fit-28 ta' April 1995 ghalhekk ghalaq sittax il-sena fis-sena 2011 u ghalaq tmintax il-sena fis-sena 2013. Minn dan isegwi li fit-tlett snin ta' qabel il-25 ta' Frar 2017 (cioe mis-sena 2014) l-imputat kien qed jiehu s-sustanzi kllha imsemmija u mhux cannabis biss. Konsegwentement jirrizulta li f'dawn it-tlett snin l-imputat kien fil-pusess mhux biss tal-cannabis imma anke tal-kokajina u ta'l-ecstasy.

Illi in vista ta' dan l-imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet numru ghaxra, hdax u tnax l-imputat qed jigi akkuzat li kiser ordni ta' probation, li wettaq ir-reati odjerni f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza u li huwa recidiv.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi:

- wahda datata 2 ta' Dicembru 2015[26], permezz ta' liema wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar li ghalhekk kellhom jiskadu f'l-1 ta' Gunju 2017.
- wahda datata 19 ta' Lulju 2016[27]permezz ta' liema wara li nstab hati tar-reati hemm indikati gie ikkundannat xahar prigunerija sospiez ghal perjodu ta' sentejn, li ghalhekk kellhom jiskadu fit-18 ta' Lujlu 2018.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat permezz tal-prezenti sentenza gew kommessi f'diversi dati fis-snin 2015, 2016 sas-27 ta' Frar 2017 ghalhekk zgur li

[26] Dok JC6 a fol 25.
[27] Dok JC7 a fol 27.

waqt il-perjodu tal-probation u l-perjodu operativ tas-sentenza sospiza fuq imsemmija. Konsegwentement l-imputazzjoniijiet numru ghaxra u hdax jirrizultaw pruvati.

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li s-sentenza li fuqha hija bazata l-imputazzjoni hija sentenza sospieza[28], allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[29]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv...*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-*

---

[28] Il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni s-sentenza l-ohra peremzz ta' liema l-imputat tpogga taht probation stante li din mhiex kundanna.
[29] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[30].

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ tas-sentenza sospiza tad-19 ta' Lulju 2016, konsegwentement l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 pero mhux ta'l-artikolu 50.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li naqas li josserva l-kundizzjonijiet imposti mal-helsien mill-kustodja (police bail).

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur l-Ipsettur Cassar u mid-dokument esebit Dok JC5[31] jirrizulta li wara l-arrest tal-14 ta' Ottubru 2016 l-imputat gie rilaxxjat mill-kustodja fuq police bail taht diversi kundizzjonijiet inkluz dik li jirraporta ghand l-istess Spettur fil-kwarteri generali tal-pulizija f'l-1 ta' Dicembru 2016 fid-09:00am. Mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Cassar jirrizulta li l-imputat naqas li jonora din l-kundizzjoni ghaliex ma marx ghand l-Ispettur u lanqas b'xi mod jew iehor prova jiggustifika dan in-nuqqas. Konsegwentement anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju l-ewwel fattur li jrid jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll ix-xorta u l-kwantita tad-droga involuta u l-perjodu ta' zmien li matulu gew kommmessi dawn ir-reati partikolatment dak ravvizat f'l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat minn liema jirrizulta li l-imputat diga inghata opportunitajiet biex jiirriforma ruhu permezz ta'liberta kundizzjonata, ordni ta' probation u sentenza sospiza; minkejja dan l-imputat injora l-ghajnuna lilu mghotija u baqa' jippersisti fit-triq li kien qabad.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha mhux biss timponi piena karcerarja ghar-reati odjerni (din hija tassattiva) imma tirrendi ezekuttiva s-sentenza sospiza. Il-Qorti pero wara li qiset ir-reat li ghalih kien tpogga taht ordni

[30] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[31] A fol 24.

ta' probation, l-affarijiet li kien seraq u l-eta li kellu meta wettaq dak ir-reat qed taghzel li ma titrattax mieghu ghal dak ir-reat.

Illi dwar l-ispejjewz peritali rinkorsi waqt dawn il-proceduir jigi rilevat li mill-analizi kondotta mill-espert Keith Cutajar ma' rrizultat l-ebda informazzjoni utli ghar-rizoluzzjni ta' dan il-kaz ghalhekk l-imputat ghandu jigi ordnat ihalla biss l-ispejjez relatati mar-rapport redatt mill-espert Gilbert Mercieca.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 335AL(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(i)(ii), it-tieni proviso ta'l-artikolu 120A(2)(b), it-tielet skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 5 ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985; l-artikolu 8(d), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u t-tieni proviso ta'l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939; u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u fil-waqt li tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija** u **multa ta' elf Euro (€1,000)**, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B ta'l-imsemmi Kapitolu 9 qed **tirrendi ezekuttiva s-sentenza ta' xahar prigunerija mghotija fil-konfront ta'l-imputat fid-19 ta' Lulju 2016**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sebgha mija sitta u disghin Euro u hamsin centezmu (€796.50)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti. Il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reat li dwaru kien tpogga taht ordni ta' probation fit-2 ta' Dicembru 2016. In konkluzzjoni il-Qorti qed **tordna l-konfiska tas-somma ta' sebgha mija u erbghin Eur (€740) esebiti bhala Dok JC12** u qed **tordna d-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument Dok JC8, Dok JC9, Dok JC 10 u Dok JC11** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**